# IL-KWADRI EX-VOTO TAL-BAHAR FL-ISLA

## (L-EWWEL PARTI)

Fl-Isla u sewwasew fl-Oratorju tal-Kurċifiss wieħed isib ġabra ta' ħmistax-il kwadru *ex-voto* jew tal-wegħda li juru bastimenti fil-maltemp u għalhekk għandhom importanza ġmielha. L-ikbar ġabra ta' kwadri wegħdi tal-baħar tinsab fis-Santwarju Tal-Ħerba f'Birkirkara, imbagħad niltaqgħu ma' oħra kbira fil-Mellieħa u dik tal-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar. Din tal-Isla nistgħu nqisuha ma' dik tal-Madonna Tal-Ħniena fil-Qrendi u tal-Madonna Tad-Dawl f'Marsaskala.

Ta' min jinnota li l-kwadri tal-Isla, tħalli barra wieħed indaqqas ta' żmien il-kavallieri, huma kollha tas-seklu dsatax. Raġuni minnhom għal dan l-iżbilanċ hu li fil-gwerra xi wħud minnhom inqerdu. Nafu, pereżempju, li kwadri kbar bħal dak il-wieħed li baqa' ta' żmien il-kavallieri, kien hemm sitta żgur minnhom. Kif jista' jkun li fl-Isla ma ssibx kwadru wieħed *ex-voto* tas-seklu tmintax barra dak il-wieħed ta' żmien il-kavallieri meta nafu li l-ikbar għadd ta' baħrin u kaptani ta' bċejjeċ tal-merkanzija kienu kollha mill-Isla. X'ġara? Jew kien hemm minnhom iżda ntilfu biż-żmien jew ikollna nwaħħlu fil-gwerra? Ma nistax ma nsemmix is-sinodu djoċesan tal-1935 li ordna t-tneħħija tal-kwadri li kien ikun hemm mal-artali u kellu jitħalla biss dak prinċipali ta' kull artal. Ta' min jinżel iżjed 'l isfel fl-istħarriġ billi wieħed jifli l-arkivju tal-Isla.

Mhix ħaġa kbira li fl-Oratorju tal-Isla jinsabu ħmistax-il kwadru *ex-voto*, anzi wieħed kien jistenna li jsib wisq iżjed minn hekk meta tqis kemm ħarġu nies tal-baħar mill-Isla. Meta wieħed jifli l-libretti tal-bastimenti li ġew Malta bejn l-1743 u 1747 għandu jara, folja wara folja, baħrin u kaptani irreġistrati li joqogħdu fl-Isla. Ma' dawk il-mijiet għodd ukoll iċ-ċorom ta' baħrin mill-Isla li baħħru fis-seklu dsatax. Ta' min ikun jaf li l-bastimenti Maltin tal-merkanzija speċjalment dawk tas-seklu dsatax kienu jbaħħru mal-Mediterran kollu, jaslu sal-Ingilterra u jaqsmu wkoll l-Oċean Atlantiku sal-Amerika.

Ta' min jgħid li l-kultura reliġjuża li wieħed jagħti xi *ex-voto* mhix xi ħaġa ta' dawn l-aħħar sekli, iżda kienet teżisti mill-qedem. Minn dejjem kont issib il-bniedem li, f'xi bżonn kbir, idur għal għajnuna tal-allat u jagħti, jew iwiegħed li jagħti, xi ħaġa bħala *ex-voto*. Fost ir-Rumani, pereżempju, kont issib l-użanza ta' offerti lill-allat ta' xi ħaġa jew ta' xi sagrifiċċju. Iżjed u iżjed bdiet tinħass din il-kultura fir-reliġjon Lhudija-Kristjana. Fir-reliġjon Nisranija kienet tinħass dejjem l-għajnuna t'Alla lill-bniedem u min-naħa tiegħu il-bniedem kien jagħmel il-wegħdi lil Alla meta jsib ruħu f'xi bżonn kbir.

Fil-kwadri *ex-voto* wieħed jiltaqa' ma' żewġ għamliet: dawk li jsiru lil Alla jew lill-Madonna jew lill-qaddisin u fil-każ tagħna lir-Redentur jew lill-Kurċifiss u oħrajn li jkollhom l-għamla ta' wegħda, voldieri, jekk jaqalgħu il-grazzja li wieħed ikollu bżonn.

Kwadru wegħda jew *ex-voto* ikun jintagħraf għax fih tara l-ikona jew ix-xbiha tal-Madonna jew tal-qaddisin jew tar-Redentur. Barra dan għandek issib f'xi rokna tal-kwadru l-ittri V.F.G.A. li jfissru *Voto Fecit Gratiam Accepit*; għamilt wegħda u qlajt il-grazzja. Fil-każ tagħna dawn l-ittri ma tantx jidhru billi fis-seklu dsatax bdew jitħallew barra. Ara l-madonnaru Vincenzo Gonzi żamm id-drawwa sal-aħħar. Issib ukoll ħafna drabi, ġeneralment, in-naħa t'isfel tal-kwadru skrizzjoni li tagħti ħjiel dwar dak li jidher fih. Issib it-tip ta' bastiment, min għamel il-wegħda, u xi drabi l-ġurnata u x-xahar u s-sena li fiha seħħet il-ġrajja li tidher fil-kwadru. Xi wħud mill-kwadri issibilhom il-firma jew l-inizjali ta' min ikun pinġa l-kwadru. Ma' dawn tal-aħħar issib il-madonnaru professjonali jew dawk fosthom li kienu hemm apposta għal xogħol bħal dak bħalma kienu Michele u Vincenzo Gonzi.

Ġeneralment il-kwadri wegħdi qatt ma kienu jkunu kbar ħafna mħabba r-raġuni ta' spazju.

Il-kwadri weghdi antiki ħafna drabi jkunu tavlozzi jew tal-injam, oħrajn l-iżjed popolari jkunu mpinġijin fuq it-tila u oħrajn fuq il-karta. Ħaġa tassew rari li kont issib xi wieħed li tpinġa fuq kartuna, kartonċina jew xi folja tal-metall.

Ta' min jiftaħar jgħid li għaċ-ċokon tal-gżejjer Maltin insibu wirt kulturali u reliġjuż ta' madwar 550 kwadri weghdi tal-baħar. Illum rari li tara xi wieħed modern għalkemm id-drawwa ta' għoti ta' *ex-voto* għadu sejjer f'xi santwarji Maltin. Hekk f'Ta' Pinu u fis-Santwarju tal-Mellieħa tara bosta u bosta weghdi moderni.

M'għandu qatt jgħaddi minn rasna li l-kultura tal-għoti ta' *ex-voto* hi xi ħaġa ta' Malta biss. Trid iddur dawra fl-Italja, Marsilja, Spanja u l-Kroazja biex tara b'għajnejk il-mijiet ta' mijiet ta' kwadri *ex-voto* mdendlin f'posthom.

Hawn Malta baqa' għadd ġmielu minkejja li l-ordnijiet li ħarġu mis-sinodu djoċesan tal-1935 ħallew warajhom konsegwenzi xejn mixtieqa dwar dak li kellu x'jaqsam ma' kwadri sekondarji li kienu jinsabu mdendlin mal-ġnub tal-artali tal-knejjes tagħna. B'danakollu hawn min jiftakar fost l-oħrajn kif fis-Santwarju tal-Ħerba f'Birkirkara kont tara l-ħitan tal-korsija miksijin bil-kwadri weghdi.

Fl-Isla ta' min japprezza kif il-ftit kwadri weghdi huma mdendlin mal-ħitan tas-sagrestija tal-Oratorju tal-Kurċifiss. U x'nghidu dwar min ġietu l-idea li l-weghdi tal-fidda, li tneħħew minn posthom imħabba l-ordnijniet tas-sinodu djoċesan, tqegħdu bħala friż maċ-ċinta tal-Oratorju. Fi nħawi oħra bosta minnhom li juru partijiet tal-figura umana, spiċċaw jiġru 'l hawn u 'l hinn u bosta ntilfu jew waqgħu f'idejn il-kollezzjonisti.

Meta wieħed ikun qed iħares lejn il-kwadri weghdi għandu jifhimha li dawk jiffurmaw l-istorja marittima ta' Malta mhux miktuba iżda viżiva. Fil-kwadri weghdi ssib dak li ma ssibx fid-dokumenti. Mur pinġi jew ikteb dwar l-ixprunara, il-fregata, il-brigantin, il-bombarda u oħrajn kieku ma kinux dawn il-kwadri *ex-voto*.

Nafu li dawn il-kwadri mhumiex dejjem opri artistiċi; qatt ma kienu magħmulin biex iżejnu knisja iżda biex wieħed ikompli l-weghda li jkun għamel. Madanakollu xi wħud minnhom, pereżempju tal-madonnaru Gonzi, huma tassew teknikament tajbin. Xi wħud huma ta' Nikola Camilleri li kien magħruf għax-xogħlijiet tiegħu ta' tpinġija ta' bastimenti tal-qlugħ u li jinsabu wkoll fl-Amerika, fl-Italja u f'Marsilja barra dawk il-ftit li jinsabu f'Malta.

Ħasra li l-kwadri *ex-voto* tal-Isla huma mdendlin fl-għoli wisq u għal min irid jistudjahom hi ħaġa impossibbli jekk għalinqas ma jsibx min jgħinu. Iżda għall-inqas huma miżmumin u mħarsin tajjeb u jixirqilhom li tingħatalhom l-importanza mistħoqqa. Wara kollox dawn jgħallmuna kif kienu jaħsbuha n-nies ta' qabilna.

Nagħtu ħarsa ħafifa lejn kull kwadru bl-istorja tiegħu u fejn ma tidher l-ebda kitba fuqhom




*"Pater in manus" hija silta mis-sentenza "Pater in manus tuas commendo spiritum meum" (Missier f'idejk jien nerħi ruħi) li qal Kristu minn fuq is-Salib u li tinsab miktuba b'għotjiet tal-fidda ex voto tul il-friż tax-xellug tal-Oratorju tal-Kurċifiss*

nippruvaw ninterpretaw dak li nsibu fir-rappreżentazzjonijiet li hemm f'kull wieħed minnhom. Min jaf jekk forsi għadx fadal illum min jiġi minn dawk li wrew il-fidi tagħhom, f'Dak li jista' jgħin lil kull min jitolbu minn qalbu.

Meta tħares lejn kull kwadru wegħda tiqafx biss lejn l-istorja li jirrappreżenta iżda aħseb li xi ħadd ried juri l-fiduċja tiegħu f'Alla għax kien fi bżonn kbir. L-aħjar kaptani u baħrin li raw il-qawwa tan-natura x'tista' tagħmel meta l-baħar ikun irid jibla' bastiment, meta l-bniedem ma jkunx baqagħlu xejn x'jagħmel, idur lejn Alla u minnu biss jistenna l-għajnuna. B'xhieda ta' dan wieħed iħalli kwadru biex juri l-qima tiegħu lejn Alla u mhux biex iħalli tifkira ta' dak li għadda minnu.

Ser nibdew bl-eqdem wieħed, voldieri dak ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann, u nżommu l-kronoloġija wieħed wara l-ieħor sa dak l-iżjed reċenti tal-1959. Għal kull kwadru wieħed isib is-sena ta' meta seħħ inċident, il-materjal li minnu hu magħmul il-kwadru u l-qisien, dejjem bl-għoli l-ewwel u wara l-wisa'. Fejn possibbli tingħata wkoll l-iskrizjoni kif issibha fil-kwadru.

**1745**

Kuluri taż-żejt fuq it-tila - 55 x 76 ċm
*Dimostrattione della liberazione nel caso pericolossisimo si trovo la Squadra delle Galere e Mezze galere di Malta nelle acque fuori li bocche del Porto di Malta 9,10 Maggio 1745.* ***A*** *Galera Capitana* ***B*** *la Galera San Luigi Padrona* ***C*** *la Galera San Nicola* ***D*** *la Galera San Gioseppe Magistrale* ***E*** *la Mezza Galera Sant Anna* ***F*** *la Mezza Galera Sant Ursola Pinco Forastiero.*

Fl-iskrizzjoni tidher l-arma tal-kavallier Solaro bil-kliem *ex voto* taħtha. L-ittri l-kbar juru l-pożizzjoni tal-bastimenti fil-kwadru. Il-*Pinco Forastiero* jissemma biss iżda ma jidhirx għax kien għereq.

Biex wieħed ikun jaf kemm kien tajjeb min pitter dan il-kwadru biżżejjed jifli sew l-ikona tal-Kurċifiss biex jara fiha l-eżattezza tal-korp, għalkemm impinġi f'qies żgħir. L-ikona tidher fin-nofs in-naħa ta' fuq tal-kwadru.

Narawf'dan il-kwadru l-galeri tassew bi proporzjon tajjeb ħafna waħda mal-oħra u jidhru jissaraw mal-mewġ. Il-mezzi galeri **E** u **F** jintgħarfu sew billi huma iżgħar mill-galeri. Il-Kapitana **A** miżbugħa sewda tidher li hi kemm kemm ikbar mill-galeri komuni jew sensili miżbugħin ħomor u qegħdin 'il fuq mill-Kapitana.

Għal min irid ifittex ix-xagħra fl-għaġina iħares sew, jekk jista', lejn il-galera **B** u jaralha l-bandiera tal-Ordni mal-arblu għax kienet is-*San Luigi*, l-Padruna tal-iskwadra, voldieri tiġi wara l-Kapitana li kienet, biex ngħidu hekk, il-*flagship* tal-iskwadra, dik li tmexxi l-galeri l-oħra tal-Ordni.

Il-galera **D**, is-*San Gioseppe*, billi kienet *Magistrale*, tidher bil-bandiera tal-Gran Mastru Pinto tittajjar fuq it-trinkett. Din il-galera tissejjaħ *Magistrale* għax inbniet u nżammet bil-flus tal-Gran Mastru msemmi.

Ħarsa lejn il-Kapitana taralha l-imqadef kollha merfugħin fl-ajru u bl-istandard tal-Ordni n-naħa ta' quddiem tal-kabina tal-poppa n-naħa tad-dritta jew tal-lemin. Wieħed jinnota li l-qlugħ tal-galeri kollha huma marbutin mal-antenni tagħhom.

Man-naħa tax-xellug tal-kwadru wieħed jista' jara l-kelma Borrone post fi Sqallija u isfel bil-kemm tidher id-daħla tal-Port il-Kbir.

Dan l-eżami seta' jsir bis-saħħa tal-kompjuter għax meta tħares lejn il-kwadru bilkemm jirnexxilek tara dak li tkellimna dwaru.

Il-kwadru hu mpitter skur minn qaddisu u mhux sar hekk biż-żmien li għadda minn fuqu.

Ara xi storja twila konna nistgħu ngħidu kieku l-ħames kwadri l-oħra li kien hemm f'posthom fl-Oratorju qabel il-gwerra sħab ta' dan il-wieħed għadhom jeżistu!

Dan l-istess inċident kien xi darba irrappreżentat fi kwadru wegħda fil-Knisja tal-Madonna Tal-Ħniena fil-Qrendi. Din l-informazzjoni jagħtiha Vincenzo Bonello meta kiteb La Madonna Nell'Arte fl-1949.

Fil-Mużew tas-Santwarju Ħaż-Żabbar insibu t-tielet kwadru wegħda li juri l-istess inċident iżda

din id-darba sar mill-ekwipaġġ tal-galera *San Luigi*. Wieħed ma jridx jinsa li l-każ kien gravi u li kienu involuti erba' galeri u żewġ mezzi galeri tal-Ordni. Mhix ħaġa kbira li saru tliet wegħdiet minn fost għadd kbir ta' membri tal-ekwipaġġi li kien jiġbor fih madwar 2,400 ruħ.

**1823**

Kuluri taż-żejt fuq l-injam - 32 x 43 ċm
*Voto promesso da Capno. Carlo Dipasquale Essendo incontrato con Gran Fortunale nel Golfo di Sidra li 16 Novembre 1823.*

Il-kwadru hu xogħol tal-madonnaru Vincenzo Gonzi u issibu iffirmat hekk: *V.G. F(ecit) in Tripoli di B(arbaria).*

Għax madonnaru professjonali Gonzi pinġa wkoll l-ikoni tar-Redentur u tal-Madonna li għandha lil Ġesù f'ħoġorha.

Hawn probabbli għandna buk jew żaqq ta' trabakklu, tip Venezjan, iżda li biddlulu l-attrezzatura tal-qlugħ u tal-arbli f'dak ta' brik. Il-faxxa bajda wiesgħa mill-poppa sal-pruwa kienet popolari fuq bastimenti merkantikli tas-seklu dsatax. Iż-żewġ arbli huma armati bi qlugħ kwadri u l-brik għandu r-randa mal-arblu tal-majjistra u xi flokkijiet jew ġibbijiet mal-pupress.

Il-brik hu miexi biss bil-gabja tal-majjistra u tidher il-bandiera merkantili Ingliża magħrufa bħala *red duster* mal-poppa. Normalment kienet titla' mal-gaff tar-randa. Jidher li l-brik iltaqa' ma' baħar qawwi iżda l-barkazza għadha abbord, voldieri ma kienx hemm bżonn li titniżżel fil-baħar.

**1833**

Kuluri taż-żejt fuq l-injam - 34 x 49 ċm
*Voto Fatto da Rafaele Spiteri sopra un Brick Scuna Nominata L'Assunta Comandata da Capno. Saverio Cassar era a Partenza in Malta cascato sopra un pinnole di Trinchetto e rotto la Gamba era nell'Pericolo di perderla Ricorso all'Nostro SS. Redentore avuto la Grazia li 14 Maggio 1833.*

Il-kwadru hu iffirmat *P.A. Pinxit* u juri ikona tar-Redentur.

Il-brik-skuna jidher ippreparat biex isalpa billi firxulu l-gabja tat-trinkett. Il-baħri Spiteri jidher fuq il-pinnur tal-qala l-kbira tat-trinkett waqt li Saverio jidher jaqa' b'idejh it-tnejn miftuħin fuq il-gverta. Saverio fil-waqa' tiegħu ħabat siequ mal-pinnur tat-trinkett u kisirha; kien hemm il-biża' li jaqtgħuhielu iżda ħelisha.

Il-bastiment hu muri tassew sabiħ u jissejjaħ hekk għax waqt li għandu l-karatteristiċi ta' brik għandu l-attrezzatura tal-arbli u tal-qlugħ ta' skuna. Tinduna li mal-arblu tat-trinkett għandu qlugħ awrika jew randa u oħra kbira mal-arblu ta' wara; mal-pupress hemm żewġ flokkijiet.

Iż-żebgħa taż-żaqq hi dik komuni għal dak iż-żmien b'faxxa wiesgħa bajda mill-pruwa sal-poppa u t-twieqi tal-kanuni finti huma miżbugħin suwed ukoll.

Il-barkazza tidher li kienet għadha fil-baħar waqt li kienet qed issir it-tħejjija biex il-mirkeb isalpa.

Il-ġallarija tal-poppa b'għamla nofs tond hi ukoll dekorazzjoni tipika ta' dak iż-żmien.

**1843**

Żejt fuq l-injam - 30 x 40 ċm
*Brigno. Ina Pachet? Cap. Lorenzo Zarb Traversando il Golfo Leone dai 17 ai 21 Gennajo 1843 fummo sorpresi da un Temporale in seguito et essendo fatto voto unito all'Equipaggio al Divin Redentore che ci libera dall'Eminente Pericolo.*

Il-kwadru hu iffirmat *Sre. Gonzi Pinxit*. F'dan il-kwadru ma jidhrux l-ittri V.F.G.A.. L-ikona hi impittra minn Gonzi li juri r-Redentur imdawwar bis-sħab.

Il-brik fih dehra sabiħa billi l-madonnaru juri l-gverta sħiħa mill-poppa sal-pruwa. Meta xi darba l-kwadru li hu magħmul fuq tavlozza kellu jitnaddaf joħorġu ħafna dettalji interessanti.

Tidher il-pulena iżda ma tistax tgħid x'inhi. Fil-kwadru tara żewġ baħrin fil-pruwa u tidher il-barkazza fil-qadd tal-bastiment. Jidhru wkoll il-bokkaport u il-kabina li jagħtu għall-istiva, l-argnu fuq il-kassru tal-poppa u forsi tnejn imqabbdin mar-rota tat-tmun.



1745




1823




1833



1843



1850



1851

Jidher li l-kaptan, billi daħal fil-Golf ta' Lion, ħaseb kmieni għal dak li jista' jinqala billi imbrolja l-qlugħ kollu barra l-gabja tal-majjistra u flokk wieħed mal-pupress. Jidher l-hekk imsejjaħ ir-*red duster* jew il-bandiera merkantili Ingliża mal-arbulett tal-majjistra. Jidher li l-brik tilef l-arbulett tat-trinkett li jidher imdendel mal-istrall tat-trinkett. Għalkemm fil-maltemp, il-brik mexa sew bil-qlugħ tal-gabja u flokk wieħed għax jidhru miftuħin sewwa bla ma ġratilhom l-ebda ħsara.

Il-buk jidher miżbugħ b'faxxa bajda mill-poppa sal-pruwa u jidher li kellu t-twieqi tal-kanuni finti miżbugħin suwed.

Nafu li Gonzi kellu xogħol tajjeb ħafna u kellu ħila biex ipitter dettalji ta' bastiment b'effett tajjeb.

Billi l-arbli huma magħmulin minn zokk ta' siġra f'biċċa waħda l-bastiment jissejjaħ brik-pollakka. Dan ifisser li l-arbli ma kinux armati bil-qofof u l-kruċċetti. L-attrezzatura bħal dik kienet tħaffef ix-xogħol għall-baħrin.

**1850?**

Żejt fuq l-injam - 47 x 54 ċm
Dan hu xogħol xi ftit batut għax sarlu restawr qawwi. Ma tidher l-ebda kitba ċara fuqu li tfisser l-inċident muri; min jaf forsi l-kitba osfrot imħabba r-restawr! Hemm bħal firma u data iżda diffiċli wisq biex tinterpretahom.

Il-bastiment kien bark li nkalja fuq il-blat, tilef l-arbli tal-gabja u tal-pappafik, iżda wieħed ma jistax ikun ċert billi jeżisti dubju ċar fuq ir-restawr li sarlu. Ara, pereżempju, l-qlugħ ta' dak li suppost hu l-arblu tal-mezzana li hu għal kollox barra minn postu.

Wieħed irid jara jekk il-kwadru jiflaħx intervent ieħor biex jitnaddaf u hekk joħorġu d-dettalji oriġinali.

Dan il-kwadru li jidher li hu ġenwin ma jurix fuqu l-ittri V.F.G.A. jew ngħidu li ntilfu fir-restawr li sarlu. Xorta waħda l-kwadru fih il-valur ta' wegħda ta' xi ħadd li salva minn dik id-diżgrazzja li tidher fih.

**1851**

Żejt fuq l-injam - 38 x 44 ċm
*Voto promesso li 26 Febraro 1851.*
L-ikoni tar-Redentur u tal-Kurċifiss tarahom sal-irkoppa fis-sħab; tassew tajbin għax impittrin minn Vinċenzo Gonzi li tara biss l-inizjali tiegħu fil-kwadru u bħas-soltu juri l-ittri V.F.G.A.

In-naħa tal-ikona tar-Redentur u ftit 'l isfel minnu tara l-art b'għoljiet kbar u l-kelma *Sardegna* miktuba fuqha. Dan ifisser li l-bastiment kien fi triqtu fil-baħar ta' Sardinja u r-riħ tefgħu fuq art fil-qrib; min jaf forsi fuq xi waħda mill-gżejjer tal-qrib.

Hawn għandna brik li ma juri l-ebda qlugħ f'postu, indikazzjoni din li ġie mkaxkar mill-baħar u nkalja fuq art min-naħa tal-poppa. Il-brik għandu l-barkazza fil-qadd, il-gaffa tar-randa hi mniżżla u marbuta mal-boma tar-randa u l-bandiera hekk magħrufa bħala r-*red duster* tperper fuq il-poppa. Billi l-pinnur tal-qala l-kbira tat-trinkett ma tidhirx f'postha jista' jkun li tniżżlet 'l isfel mal-gverta. Mill-bqija ma jidhirx li l-brik sofra ħsarat kbar.

Nieħu pjaċir nara l-gwarniċa tal-kwadru f'posta għax barra li tagħti dehra sabiħa ssaħħaħ it-tavlozza biex din ma titgħawwiġx u ma tixpakkax malajr.

Fadal disa' kwadri oħra. Nagħtu deskrizzjoni ta' dawn, jekk Alla jrid, fil-programm tal-Festa tas-sena d-dieħla.

*Joseph Muscat*

**"Missirijietkom laqgħu lil Pawlu u lill-oħrajn li ħelsuha mill-għarqa bis-sħana tan-nar u bl-ospitalità mill-aktar ġeneruża. San Luqa, l-awtur tal-Atti jikteb: 'In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha.' (Atti 28, 2) Din ir-*rara humanitas* li wrew il-Maltin għadha waħda mill-karatteristiċi tal-poplu tagħkom."**

**Mill-omelija tal-Em. Tiegħu Kardinal Ennio Antonelli, Legat tal-Papa, għall-għeluq tas-Sena Pawlina f'Malta - 29 ta' Ġunju 2009.**